# Minuti

## Seduta Nru. 33/2013

Data: Il-Tlieta, 29 ta’ Jannar 2013

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

---

Preżenti: Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
John Mary Zahra (Jimmy) – *Membru*
Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*
Rudolph Cini – *Membru*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: Catherine Mangion – *Membru*

❖ Ħadd m’attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida kif ukoll ta’ Birkirkara.

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Residential Parking Scheme ġewwa s-Swatar;
6. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat;
7. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
8. Għeluq u Aġġornament.

---

## Kontenut

Annex A Minuti 33/2013

Annex B Tabella ta’ Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Minuti 33/2013**

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fis-5:30pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 32/2012 kienu tqassmu qabel, ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq punt 3.5 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara r-risposta tal-Avukat fejn qal li l-Kulleġġ mhux responsabbli għal li jinqala barra mill-*premises* tiegħu. Il-Kumitat qabel ma dan il-parir u ddeċieda li ċ-*Chairperson* għandha tiċċekkja mal-Kunsill tal-Imsida dwar kif baqgħu biex jibda jkun hemm preżenti Pulizija għal waqt il-ħruġ tat-tfal.

*Traffiku fit-Triq tas-St Martins College.*

**3.2** **Fuq Punt 6.4 –** Il-Kumitat iltaqa' ma' uffiċċjal tat-TM fejn ikkonkluda li biex it-TM tevalwa l-possibbilta' li din it-Triq tinfetaħ, trid issir talba formali mill-Kunsill Lokali Birkirkara. Il-Kumitat iddeċieda li iċ-*Chairperson* ser tagħmel din it-talba waqt il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara sabiex il-Kunsill japplika għall-permess.

*Triq it-Torri tinfetaħ għall-Triq Dun Karm.*

**3.3** **Fuq Punt 7.1 –** Il-Kumitat iddiskuta l-gate tal-bandli tas-Swatar fejn is-Sa Spiteri ikkummentat li l-gate mhux qegħdha tissakkar u l-kulur tal-gate ma jaqbilx u mhux pulit. Il-Kumitat ikkonkluda li l-gate twaħħlet fuq naħa waħda tad-daħla u tkun aktar tagħmel sens u tiġi pulita jekk titwaħħal fin-nofs fejn id-differenza tal-ispazju fiss jinqasam. Il-gate inkluż il-biċċa fissa għandha tiġi l-istess kulur. Il-ġenituri qed jilmentaw li t-tfal qed joħorġulhom mill-gate. Għandu jsir xi ħaġa li l-gate tissakkar jew li ma tkunx aktar faċli għat-tfal li jiftħuha għax hemm riskju li joħorġu t-tfal u jittajru peress li kif toħroġ mill-bandli issib mal-ewwel it-triq. Il-Kumitat iddeċieda li jsir kuntatt mal-Kuntrattur sabiex jispjega kif ser isolvi dawn l-ilmenti u wara jsir appuntament mal-MCCAA sabiex jiġi stabbilit x'inhuma l-istandards għall-gate.

*Bandli tas-Swatar*

**3.4** **Fuq punt 9.1 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li ċċekkja mal-Kunsill ta' Birkirkara fejn ikkonfermaw li t-tabella għandha l-permessi neċessarji.

*Tabella Ħdejn il-Ħanut X-Zone*

**3.5** **Fuq Punt 9.3 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta draft tal-flyer għall-korsijiet tal-Crafts. Iċ-*Chairperson* qalet li ser titkellem mal-persuna li ser tagħti l-lezzjonijiet sabiex il-Kumitat ikun jista' jagħmel id-deskrizzjoni tal-kors fuq il-flyer.

*Korsijiet tal-Crafts*

## 4. Korrispondenza

**4.1** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qassam id-draft tal-business cards lill-membri tal-Kumitat. Ġew irranġati u approvati mill-Kumitat sabiex jgħaddu għal *printing*.

*Business Cards għall-Membri tal-Kumitat*

## 5. Residential Parking Scheme ġewwa s-Swatar

**5.1** Kien hemm diskussjoni dwar ir-*residential parking* fis-Swatar fejn is-Sur Zahra issuġġerixxa li minn Triq it-Torri l-isfel sa Triq Paul Borg Olivier isir kollu *residential parking*. Il-Kumitat qabel ma dan is-suġġeriment. Iċ-*Chairperson* qalet li ser tressaq dan is-suġġeriment fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara. *Residential Parking*

## 6. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat

**6.1** Is-Sa Spiteri qalet li l-inkonvenjenza qed tikber fit-triq tal-Maypole kif ukoll inħawi oħra fis-Swatar fejn karozzi jipparkjaw quddiem il-garaxxijiet tar-residenti u jimblukkaw dan il-passaġġ. Is-Sa Spiteri issuġġeriet li jitqassmu tabelli bil-kliem *'Kun prudenti u tipparkjax'* biex ir-residenti li għandhom din il-problema ikunu jistgħu jagħmluha quddiem il-garaxx. Din l-ideja diġa saret mill-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard fejn l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekkja mal-istess Kunsill kif din is-sistema tinħadem. *Ipparkjar quddiem il-garaxxijiet tar-residenti.*

**6.2** Is-Sur Zahra qal li hemm stop sign fi Triq Għabex li nqalgħet u trid terġa teħel. *Stop sign fi Triq Għabex*

## 7. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**7.1** Iċ-*Chairperson* qalet li fi Triq Vincenzo Saliba hemm strippa tal-konkos bejn żewġ garaxxijiet li trid tinqala għax hija illegali. *Strippa tal-konkos fi Triq Vincenzo Saliba*

**7.2** Iċ-*Chairperson* qalet li l-President ta' Malta aċċetta li jiltaqa' mal-Kumitat u għandu jikkomunika mal-Kumitat bid-data ta' din il-laqgħa. *Laqgħa mal-President*

**7.3** Iċ-*Chairperson* qalet li waqt il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Birkirkara ser tistaqsi x'sar dwar il-proġetti tal-għalqa tas-Sisla u ta' Triq il-Wied li dawn ilu jippronihom il-Kumitat u għadhom ma sarux. *Proġetti dwar l-Għalqa tas-Sisla u Triq il-Wied*

## 8. Għeluq u Aġġornament.

**8.1** Il-laqgħa spiċċat fis-6:45pm. Il-Kumitat unanimament qabel li l-laqgħa għandha tiġi aġġornata għal nhar it-Tlieta, 26 ta' Frar 2013, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

______________________ ______________________

*Chairperson*, KAS Aġent Segretarju, KAS

______________________

Data

**Annex B**

# Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|
| 3.1 | *Traffiku fit-Triq tas-St Martins College.* | *Chairperson* |
| 3.2 | *Triq it-Torri tinfetaħ għall-Triq Dun Karm.* | *Chairperson* |
| 3.3 | *Bandli tas-Swatar* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 3.5 | *Korsijiet tal-Crafts* | *Chairperson* |
| 4.1 | *Business Cards għall-Membri tal-Kumitat* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 5.1 | *Residential Parking* | *Chairperson* |
| 6.1 | *Ipparkjar quddiem il-garaxxijiet tar-residenti* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 6.2 | *Stop sign fi Triq Għabex* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 7.1 | *Strippa tal-konkos fi Triq Vincenzo Saliba* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 7.3 | *Proġetti dwar l-Għalqa tas-Sisla u Triq il-Wied* | *Chairperson* |